8 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Lawrence Cachia Zammit et. *versus* Carmelo Chetcuti, A. & C.E.*

## Ingurja b'Ittra — Azzjoni — Interess — Danni — Provi — Perizja Kalligrafika — Preskrizzjoni — Art. 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 265 u 683(3) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 635 u 681 tal-Proċedura Ċivili

*L-interess biex wieħed jagixxi jista' jkun pekunjarju u anki morali, purkè ġuridiku; jiġifieri korrispondenti għall-leżjoni ta' veru dritt; u għalhekk ittra mibgħuta lil persuna, li tilledi l-onorabilità ta' persuna oħra, tagħti lil din tal-aħħar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-liġi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsità tal-kontenut ta' dik l-ittra; u dan avvolja l-persuna offiża ma tkunx sofriet danni materjali.*

*Barra minn dan, biex wieħed jista' jingħad li għandu nteress legali jipproponi azzjoni, biżżejjed li l-kawża tkun tista' tipproduċilu riżultament utili jew vantaġġjuż; u anki taħt dan l-aspett, l-interess tal-persuna offiża li hekk tagixxi hu evidenti.*

*Apparti dan, jekk il-persuna offiża tinkorri fi spiża biex tottjeni perizja kalligrafika biex tiskopri l-awtur tal-ittra offensiva, dik l-ispiża tikkostitwixxi dannu; u taħt dan l-aspett l-interess isir anki pekunjarju.*

*L-allegazzjoni illi perizja kalligrafika mhix legalment prova ma hux attendibbli; għaliex skond il-liġi l-perizja kalligrafika hija rikonoxxuta bħala prova vera u proprja, u għalhekk isir applikabbli għaliha l-kriterju ġenerali taċ-ċertezza morali fil-ġudikament. Il-Qorti mhix obligata tirrikorri għall-perizja kalligrafika, u tista', jekk jidhrilha, tagħmel hija stess il-verifika tal-iskrittura; bil-konsegwenza illi, jekk dik*

---

* Deżerta fl-Appell fl-ewwel ta' Frar, 1958.

*il-perizja tiġi adoperata, il-Qorti tista' dejjem issib fiha l-għajnuna li l-progress tax-xjenza jista' jagħtiha, imma jibqa' dejjem id-dritt tal-Qorti li tadotta jew tiskarta dik il-prova, bħal provi oħra, u tiddeċidi skond il-konvinzjoni tagħha. L-utilità, mbgħad, tal-perizja kalligrafika tista' tirriżulta f'każ ta konflitt tal-provi orali; f'liema każ, jekk ir-raġunamenti tal-perizja jikkonvinċu lill-Qorti, din għandha tagħti preferenza lill-perizja; bil-konsegwenza illi, bħala prova, sija pure konġetturali u ndizjarja, il-perizja kalligrafika għandha l-valur tagħha, u tista' tikkonforta l-ġudikant fl-apprezzament tal-provi.*

*Għaldaqstant, il-perizja kalligrafika ma tistax tiġi skartata "sic et simpliciter", għad li l-ġudikant għandu jara jekk fil-kumpless taċ-ċirkustanzi tal-każ il-perizja taffiex affidament sufficjenti biex tkun dikjarata responsabbli tal-iskrittura l-persuna li lilha tkun attribwita.*

*Mhix fondata l-allegazzjoni li l-azzjoni tal-persuna offiża f'każ simili tmur preskritta fi żmien tliet xhur, ossija bil-preskrizzjoni tal-kontravvenzjonijiet; għaliex din il-preskrizzjoni hija applikabbli fil-każ ta' inġurji verbali (bil-fomm), mentri fil-każ ta' inġurja b'ittra l-inġurja hija bil-miktub. U dan aktar u aktar jekk l-inġurja kontenuta fl-ittra hija gravi, u mhux sempliċement vaga u ndeterminata. Il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn.*

Il-Qorti; — Rat id-deċiżjoni tagħha tad-19 ta' April, 1950, fejn jinsabu miġjuba d-domandi tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn ġie deċiż li din il-Qorti ma għandhiex "a priori", bħala li hija prova indizjarja u supplementari, tiċħad it-talba għal perizja kalligrafika ġdida, ammenokkè l-konvenut ma jaċċettax il-perizja kalligrafika eżibita, għar-raġunijiet ampjament diskussi f'dik id-deċiżjoni; bl-ispejjeż għall-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ġunju 1950, fejn l-appell interpost mill-konvenut ġie dikjarat null, għaliex ma sarx skond il-liġi; bl-ispejjeż għall-konvenut;

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 1950 (fol. 73), mnejn jirriżulta illi l-konvenut, fil-waqt li ma jammettix il-kon-

klużjoni tal-perit kalligrafiku adoperat mill-atturi, iddikjara illi ma hemmx bżonn ta' perizja oħra;

Rat l-imsemmija relazzjoni kalligrafika, konfermata bil-ġurament mil-perit Wilfred Flores li rrediġiha, fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 1950 (fol. 60 tergo);

Rat id-digriet tagħha tal-ewwel ta' Diċembru 1950, li biħ l-imsemmi perit ġie awtorizzat jeżamina l-ittra eżibita dak inhar mill-atturi in relazzjoni mal-ittri l-oħra kollha li jinsabu mdaħħla fir-relazzjoni tiegħu fuq riferita;

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit kalligrafiku Wilfred Flores, preżentata fit-18 ta' Ottubru 1952, u minnu maħlufa fis-16 ta' Jannar 1953;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju 1954 li biħ ġie nominat l-istess perit kalligrafiku biex jistabbilixxi l-paternità tal-ittra eżibita mill-atturi fit-18 ta' April 1953;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi perit, preżentata fil-25 ta' April 1956 u maħlufa fl-udjenza tat-18 ta' Mejju susseg-wenti;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota tiegħu fol. 165 il-konvenut issottometta illi mhux spjegabbli għaliex saret din il-kawża, u għar-raġuni (a) li l-attur Alfredo Cachia Zammit ma ħax fastidju bil-kontenut tal-ittra nkriminata, u, barra li hu ma kienx impjegat fin-National Bank of Malta, fl-ittra ma hemm ebda aċċen għalieħ, u (b) li l-attur Lawrence Cachia Zammit baqa' fl-impieġ tiegħu u avanza sew fil-kategorija sew fis-salarju, u billi l-atturi ma sofrewx ħsara, skond ma jippre-

tendi l-konvenut, ma kellhomx interess jagħmlu din il-kawża;

Illi, kwantu għall-attur Alfredo Cachia Zammit, jirriżulta (fol. 15) illi huwa, meta skopra li l-awtur tal-ittra kien il-konvenut, qallu li naqas u ma kienx imissu sserva b'ibnu; u tant saħan illi, kieku ma ġiex xi ħadd, ma jafx x'kien isir. Il-konvenut, mbgħad, xehed (fol. 67) illi l-attur qallu li ma jrid xejn minn għandu ħlief skuża, u b'hekk ikkonferma huwa wkoll illi l-ittra nkriminata ma ħallietx lill-attur indifferenti;

Illi, rigward il-kontenut tal-ittra, din kienet tolqot anki lill-attur Alfredo Cachia Zammit b'mod ċar u inekwivokabbli, f'dik il-parti fejn jingħad hekk:— "I mean to refer in particular to a certain Mr. Cachia Zammit, who relates to his father Mr. Alfred Cachia Zammit the capital that is deposited with your Bank by those depositors whom he wishes to know their financial position" (fol. 75). Għad li l-attur Alfredo Cachia Zammit mhux impjegat f'dak il-Bank, l-imsemmija riferenza fl-ittra hija biżżejjed biex tiddenigrieh mal-istess Bank;

Illi, kwantu għall-attur Lawrence Cachia Zammit, irriżulta mix-xhieda ta' Paul Ferrante, allura Manager tal-imsemmi Bank (fol. 60), illi "l-impjegati tal-Bank għandhom l-obligu ta' skiet, u ma jistgħux jagħmlu rivelazzjoni ta' dak li jafu dwar il-klijenti mill-kotba u korrispondenza tal-Bank"; u żied jgħid illi ma ttieħdux passi fuq dik l-ittra għaliex kienu soddisfatti bil-konklużjoni raġġunta mill-espert kalligrafiku, jiġifieri li l-ittra ma kienetx tal-firmatarju Macpherson, imma tal-konvenut, li nħeba wara dik il-persuna;

Illi lanqas tiswa l-allegazzjoni li l-atturi, billi ma sofrewx danni, ma għandhomx interess jagħmlu l-kawża. Difatti, kif inhu magħruf, l-interess jista' jkun pekunjarju u anki morali, purkè ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal leżjoni ta' veru dritt. Jgħid Mortara:— "Non è mestieri

che l'interesse sia pecuniario in senso stretto; può essere anche morale o astratto, purchè di natura giuridica, cioè a dire, corrispondente alla lesione di un vero diritto; quindi si riconosce l'interesse ad agire per la tutela del proprio onore, della fama, del nome di famiglia......" (Manuale di Procedura Civile, Vol. I, §40). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXVII-II-605);

Issa, il-kontenut tal-ittra nkriminata jilledi ndubbjament l-onorabilità tal-atturi, u jagħtihom id-dritt li jitolbu l-protezzjoni tal-liġi, kif qegħdin jagħmlu per mezz tat-tieni domanda, intiża biex tiġi dikjarata l-falsità tal-imputazzjoni kontenuta f'dik l-ittra. Iżda l-interess tal-atturi huwa anki pekunjarju, billi, kif jidher mit-tielet talba, huma qegħdin jitolbu r-rizarċiment tad-danni, konsistenti fil-ħlas tal-perizja "ex parte" magħmula minn Wilfred Flores, u f'dawk id-danni likwidabbli mill-Qorti, li huma sofrew bħala konsegwenza tal-akkuża falza tal-konvenut; u anki taħt dan ir-rigward jikkompeti lill-atturi dritt skond il-liġi;

Fl-aħħarnett, ta' min josserva illi, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, biex wieħed jista' jingħad li għandu nteress legali li jipproponi azzjoni, biżżejjed illi l-kawża tkun tista' tipproduċilu riżultament utili jew vantaġġjuż (Kollez. XXXVII-I-56); u anki taħt dan l-aspett, l-interess tal-atturi huwa evidenti;

Illi, fil-meritu, il-konvenut issottometta illi huwa mhux l-awtur tal-ittra nkriminata, u illi l-perizja kalligrafika mhix legalment biżżejjed biex tattribwixxi lilu l-paternità tagħha;

Illi mir-relazzjoni "ex parte" tal-perit kalligrafiku, li bil-kunsens tal-konvenut a fol. 73 ġiet adoperata bħala perizja f'din il-kawża, konfermata bil-ġurament mill-istess perit fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 1950, jirriżulta illi "the handwriting in documents numbered 1 and 2 (jiġifieri dawk anonimi, kompriża l-ittra in kwistjoni), and 3, 4, 5, 6, 7 and 8 (jiġifieri dawk awtografi tal-konvenut), are by the

same person". Liema konklużjoni ġiet konfermata mill-istess perit anki fir-relazzjoni tiegħu minnu maħlufa fit-18 ta Mejju 1956 (fol. 151). Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi proċesswali, taqbel mal-argumenti tal-perit u mal-konklużjoni minnu raġġjunta. Ta' xejn jopponi l-konvenut illi l-perizja kalligrafika mhix legalment prova; għaliex f'dan jinsab kontraddett mill-art. 635 tal-Proċedura Ċivili, fejn dik il-perizja hija rikonoxxuta bħala prova vera u proprja, u li għalhekk isir applikabbli anki għaliha l-kriterju ġenerali taċ-ċertezza morali fil-ġudikant;

A propożitu ta' din il-prova naxxenti mill-komparazzjoni u verifikazzjoni tal-iskritturi, josserva Mattirolo:— "Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all'una e all'altra prova...... vuolsi sempre, quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario, applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione in conformità alla sua convinzione ossia della morale certezza" (Diritto Giudiziario, Vol. III, §306). U billi ħafna kien jingħad f'dak iż-żmien dwar l-effikaċja tal-perizja kalligrafika, l-istess awtur ħassu fid-dover li jirriproduċi l-ġudizzju tal-Pisanelli, relatur dwar il-Kodiċi Taljan ta' Proċedura Ċivili:— "Il legislatore italiano avvertì giustamente che l'avviso degli esperti, per quanto possa essere fallace, pure rappresenta sempre una garanzia maggiore; imperrocchè gli studi speciali e l'abitudine conferiscono un tatto pratico ed una abilità non comune nel riconoscere l'identità e la diversità delle scritture; che in ogni caso il concorso di periti non elimina il giudizio dell' autorità giudicante, a cui spetta sempre il definitivo apprezzamento della relazione peritale (Relazione Pisanelli, p. 130, in Mattirolo, op. cit., §303, nota in calce);

Illi, skond l-art. 635 fuq ċitat, il-Qorti mhix obligata tirrikorri għall-perizia kalligrafika, u tista', jekk jidhrilha, tagħmel hija l-verifika tal-iskritturi, kif ġie li sar (v. Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, paġ. 428,

ediz. 1943); bil-konsegwenza illi, hekk jekk din il-perizja tiġi adoperata, il-Qorti tista' dejjem issib fiha dik l-għajnuna *li l-progress tax-xjenza jista' jagħtiha; salv dejjem id-dritt* li taddotta jew tiskarta dik il-prova, bħal provi oħra, u tiddeċidi skond il-konvinzjoni tagħha (arg. art. 681 Proċ. Ċiv.). L-utilità, mbgħad, tal-perizja kalligrafika tista' tirriżulta f'każ ta' konflitt tal-provi orali; f'liema każ, kif jirritjeni Ricci, "se i ragionamenti della perizia convincono la Corte, questa deve dare la preferenza alla perizia (Procedura Civile, Vol. II, §237);

*Illi minn dan jitnissel li bħala prova, sija pure* konġetturali u indizjarja, il-perizja kalligrafika għandha l-valur tagħha, u tista' tikkonforta l-ġudikant fl-apprezzament talprovi; u għalhekk ma tisgħax tiġi skartata "sic et simpliciter", għad li l-ġudikant għandu jara jekk fil-kumpless taċċirkustanzi tal-każ il-perizja toffrix affidament suffiċjenti biex tkun dikjarata responsabbli tal-iskrittura l-persuna li tkun lilha attribwita (Kollez. XXXII-IV-171);

Illi l-Qorti, barra milli hija konvinta li l-ittra nkriminata nkitbet mill-awtur tal-ittri awtografi tal-konvenut, hija konvinta wkoll illi, minħabba ċ-ċirkustanzi riżultati, dik l-ittra kitibha l-istess konvenut. Ġie pruvat illi fl-14 ta' Lulju 1947 il-konvenut ġie nkarikat jistma u jistabbilixxi ċ-ċens ta' Villa Buleben għall-fini ta' konċessjoni enfitewtika favur l-Istitut Sawra rappreżentat mill-attur Alfred Cachia Zammit; billi l-istess konvenut, kif jammetti fix-xhieda tiegħu (fol. 72) huwa daqsxejn tqil fix-xogħol, l-attur insista miegħu u pprova jgħaġġlu; il-konvenut ħadu ftit bil-herra, u qallu "għaliex ma qabbadx lil Vassallo?" (fol. 14 tergo); u milli jidher ħa għalieħ. Qabel dan l-inċident kien hemm ieħor fejn issemma li l-attur Alfredo kellu ibnu mpjegat fin-National Bank of Malta, u allura l-konvenut qallu:— "Mela mur ara kemm għandek flus"; u l-attur irrispondieħ:— "Għandi (x'għandi, it-tifel daħal bil-kwalifiki tiegħu" (fol. 13 tergo); u peress li jafu ftit xħieħ, qallu biex jonfoqhom (fol. 14). Ġie ukoll pruvat li l-konvenut kellu

xi titoli u flus depożitati fl-imsemmi Bank (fol. 68). Fil-fatt, ftit ġranet wara l-ewwel inċident, l-attur Alfredo ġie msejjaħ il-Bank, fejn ra l-ittra nkriminata; u meta sar jaf li kien kitibha l-konvenut, huwa għajru vili (fol. 53 tergo); il-konvenut ma ħax passi kriminali kontra tiegħu, non ostanti l-gravità tal-imputazzjoni. Dawn iż-żewġ inċidenti juru li bejn l-attur Alfredo u l-konvenut ma kienx hemm relazzjoni tajba; u jkomplu jsostnu l-konklużjonijiet peritali;

Illi l-konvenut, fl-imsemmija nota a fol. 165, issottometta li, jekk l-ittra kitibha l-konvenut, l-azzjoni hija dik naxxenti "ex delicto", soġġetta għall-preskrizzjoni ta' tliet xhur;

Illi, dwar din l-eċċezzjoni, skond l-art. 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. Issa, billi l-imputazzjoni kontenuta fl-ittra nkriminata tikkostitwixxi inġurja, din, skond l-art. 265 tal-Kodiċi Kriminali, hija soġġetta għall-pena tal-priġunerija għal mhux aktar minn tliet xhur jew għall-multa; u skond l-art. 683(e) tal-istess Kodiċi, l-azzjoni tippreskrivi ruħha, fi żmien sentejn; u billi l-ittra ġġib id-data tas-16 ta' Awissu 1947, u l-konvenut ġie ntepellat uffiċjalment fit-22 ta' Marzu 1949, u mbgħad imħarrek fit-23 ta' Ġunju ta' dik is-sena, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma laħaqx iddekorra. Mhux eżatt, kif josserva l-konvenut fin-nota tiegħu fol. 166 tergo, illi għandha tiġi applikata l-preskrizzjoni tal-kontravvenzjonijiet; għaliex din hija applikabbli fil-każ ta' inġurji verbali (bil-fomm), suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet; iżda dan ma hux il-każ, għaliex si tratta ta' inġurja bil-miktub, u ta' inġurja gravi, u mhux vaga u ndeterminata, skond l-art. 265(2) tal-Kodiċi ċitat. Difatti, kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati Tagħna, "si tratta sempre di inguria grave e specifica, poichè, sebbene non ricorrano particolarità di tempo, luogo, persona e simili, si tratta di addebito positivo e chiaro a guisa di fatto da poter essere determinato" (Kollez. XII, 472; XXIV-IV-1000). Għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hi sostnuta;

Illi, rigward it-tieni domanda, il-Qorti hija soddisfatta mill-provi illi l-imputazzjoni kontenuta fl-ittra nkriminata hija falza; u għalhekk it-talba relattiva hija ġustifikata;

Illi, in kwantu għat-tielet talba, id-danni pruvati jikkonsistu fl-ispiża nkorsa fil konnessjoni mal-perizja "ex parte", li tammonta għal £26.10.0, kif jidher mill-irċevuta a fol. 26 tal-proċess;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tan-nuqqas ta' nteress u tal-preskrizzjoni, opposti mill-konvenut;

Tilqa' d-domandi tal-attur; u għall-finijiet tal-aħħar talba tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' £26.10.0 tad-danni hemm mitluba;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.